VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 59 tal-2014

ATT TAL-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI
(ATT NRU. IX TAL-1980)
Ordni tal-2014 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet
(Avviż Legali 47 tal-2014)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4(3) u 7(3) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, il-Kummissjoni tal-Liġijiet qed tagħmel din il-korrezzjoni.

Korrezzjoni tar-Regolamenti tal-2014 dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta. A.L. 47 tal-2014.

1. Fir-Regolamenti tal-2014 dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta għandhom isiru l-korrezzjonijiet li ġejjin:

(a) fit-tifsira "applikant ewlieni" tinsab fir-regolament 2 tar-Regolamenti fuq imsemmija minflok il-kelma "impenni" għandha tidħol il-kelma "impenji";

(b) fir-regolament 6 tar-Regolamenti fuq imsemmija minflok il-kliem "sakemm Identità Malta tkun sodisfatta" għandhom jidħlu l-kliem "sakemm Identità Malta ma tkunx sodisfatta";

(ċ) fit-tieni proviso għas-subregolament (5) tar-regolament 7 tar-Regolamenti fuq imsemmija minflok il-kliem "għal żmien ta' mill-inqas tlett snin" għandhom jidħlu l-kliem "għal żmien ta' mill-inqas ħames snin";

(d) fit-tielet proviso għas-subregolament (5) tar-regolament 7 tar-Regolamenti fuq imsemmija minflok il-kliem "sakemm jiskadi l-perjodu ta' tlett snin" għandhom jidħlu l-kliem "sakemm jiskadi l-perjodu ta' ħames snin";

(e) fis-subregolament (1) tar-regolament 13 tar-Regolamenti fuq imsemmija minflok il-kliem "li jiġu riċevuti" għandhom jidħlu l-kliem "li jiġu riċevuti minn Identità Malta"; u

(f) fil-punt (d) tas-subparagrafu (1) tal-paragrafu 2 tal-Iskeda li tinsab mar-Regolamenti fuq imsemmija, il-kliem "matul is-sena li ssir l-applikazzjoni" għandhom jitħassru.

Korrezzjoni tar-regolament 4 tar-Regolamenti.

2. Fil-verżjoni bl-Ingliż tas-subregolament (7) tar-regolament 4 tar-Regolamenti fuq imsemmija minflok il-kliem "the age of eighteen:" għandhom jidħlu l-kliem "the age of eighteen years:".

Bidu fis-seħħ.

3. Is-Segretarju Parlamentari għall-Ġustizzja stabbilixxa l-4 ta' Frar, 2014, bħala d-data li fiha l-korrezzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni tal-Liġijiet u ppubblikati f'dan l-Avviż Legali għandhom jibdew iseħħu.